# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 220/2022 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**AM**

**Vs**

**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AM datat 27 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Marzu 1990 (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, M li twieldet f'X u C twieldet f'Y;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja datata 29 t'April 2008 u sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 27 ta' Frar 2009 (Dok B u C rispettivament hawn annessi);*

*Illi l-obbligu tar-rikorrenti li thallas manteniment ghal uliedha issa gie itterminat u m'hemmx vertenzi bejn il-partijiet.*

*Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimat;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrenti innifisha (Dok D);*

*Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha ' V';*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet u;*
2. *Tordna illi r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha V; u*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MM datata 21 ta' Ottubru 2022, a fol 55 li taqra hekk:

1. *Illi l-konvenut ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghall-hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba promotur taghha. Illi l-konvenut qieghed jannetti l-affidavit tieghu dwar daqshekk (Dok MM).*

2. *Illi l-konvenut ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu illi tirriverti ghal kunjom xbubitha V.*

3. *Illi l-esponent ma ghandhux pero jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri peress illi t-talba odjerna giet promossa mir-rikorrenti u ghandha tigi mhallsa minnha.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attrici datata 27 ta' April 2022, li permezz taghha ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'jipproduci u stiednet l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 44);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit Dok D, fol 43) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-24 ta' Marzu 1990 u li minn dan iz-zwieg twiedu zewgt itfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja datata 29 ta' April 2008 u sentenza mill-Qorti tal-Appell datata 27 ta' Frar 2009. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet. Ikkonfermat di piu', ix-xewqa taghha li tirriverti ghal kunjom xbubitha.

**L-intimat xehed** (vide affidavit Dok MM, fol 56) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Marzu 1990, liema

zwieg jgib certifikat numru 304/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4.) Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Imhallef Onor. Noel Cuschieri datata 28 ta' April 2008 (vide Dok B fol 6 et seqq.), liema sentenza kien hemm Appell li gie deciz nhar is-27 ta' Frar 2009. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat it-talba tal-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 304/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'V' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**